MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Numru. 279/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Hersey)**

**vs**

**Fahed Abdullah, 34 sen, iben Arjan u Chamsa, imwieled is-Sirja fit-28 ta' April, 1977, detentur ta' passaport Sirjan bin-numru 2541214, u joqghod Zebbug, Malta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Fahed Abdullah li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur, f'Malta, iffalsifika karta ta' l-identita bin-numru 0033089A, mahruga lilu stess, u dan bi skur ta' l-artiklu 14(2)(c) tal-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar, talli fl-isess cirkostanzi, ipproduca dokument falz lill-uffijcal tal-korp tal-Pulizija, meta kien jaf li din il-karta ta'

l-identita, kienet falza, u dan bi ksur ta’ l-artiklu 14(2)(b) tal-Kapitlu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta,

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, kien Malta minghajr il-permess mehtieg minghand l-ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt li ikkopera mal-pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 14(2)(c)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------